SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sitta u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Hamis 25 ta' Marzu 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-korrispondenza mill-Kummissjoni Ewropeja dwar il-*Gender Campaign*. Il-Kunsill qabel li għandu jippartertiċipa f'din il-kampanja.

**4.0 Water reduction system**

4.1 Is-Sindku espona ideja li sabiex inkomplu bil-kampanja fil-lokalita' tagħna ta' edukazzjoni fost ir-resdenti kif ukoll li noffru inċentivi sabiex inħajru lin-nies jiffrankaw aktar, ippropona li nagħtu lin-nies tagħna sistema sabiex jiġi ffrankat l-ilma. Huwa wera prodott li akkwista wara kuntatt li kellu ma kumpanija barranija rigward kit ta filtri li jitwaħħlu mal-vit tal-ilma u jipproduċi pressa bl-arja bir-riżultat li qed ikollok l-istess volum ta' ilma filwaqt li fl-istess ħin tkun qed tiffranka 50% mil-konsum. Is-Sindku qal li din hija inizjattiva oħra ekoloġika li permezz tagħha barra li nkunu qed niffrankaw l-ilma inkunu wkoll qed niffrankaw aktar emmissjonijiet għaliex ser tintuża anqas eneġija biex jiġi pproċessat l-ilma.
Saret diskussjoni dwar l-operat tal-apparat u sar qbil li għandna nittestjawh sabiex naraw kif verament jiffunzjona. Is-Sindku semma li fil-verita l-prodott jiswa €10 pero jekk il-Kunsill jixtri 250 wieħed, ser jingħata prezz speċjali dak ta' €5.80-il

wieħhed. Is-Sindku propona li bħala Kunsill għandna nixtru 250 wieħed biex jitqassmu f'kull residenza. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jipprovaw fi djarhom u li fl-istess ħin għandna niġbru aktar stejjem ta' l-istess tip ta' prodott u niddeċiedu fil-laqgħa li jmiss.

## 5.0 Kors għall-kura tal-anzjani

5.1 Is-Sindku rrefera għal offerta li saritlu mill-Care Malta sabiex jipprovdi korsijiet marbuta mal-kura ta' l-anzjani. Iż-żewġ korsijiet offruti huma dwar id-Dimentia u dwar tqandil tal-morda u persuni b'dizabilita'. Kull kors huwa twil 3 sighat u jiswa €150 + VAT. Jingħata ċertifikat ta' attendenza għal kull parteċipant.

5.2 Is-Sindku ppropona li bħala parti mill-programm ta' Edukazzjoni għall-ħajja li ilu jaddotta l-Kunsill, noffru dawn il-korsijiet lir-residenti tagħna. Il-Kunsill qabel li għandu joffri dawn il-korsijiet b'xejn għal dawk interessati. Sar qbil li għandna noħorgu avviż f'kull dar.

## 6.0 Xiri / lease ta' Photocopier

6.1 Is-Segretarja tal-Kunsill spegat kif il-photocopier tal-uffiċju għamlet ħsara u biex issirilha manutenzjoni l-ispejjes mitluba huma kbar wisq. Hija spjegat li hemm żewġ *options* jew li nixtru waħda ġdida jew li mmorru għal-*lease agreement*. Is-Segretarja ġabret żewġ stimi mingħand Sharp u l-Kyocera Mita kemm għax-xiri kif ukoll għal-lease. Il-prezz tax-xiri tal-magni msemmija huma ta' €1350 u €1714 rispettivament. Il-prezz tal-kera huwa ta' €35 u ta' € 39 fix-xahar rispettivament. X'ħin analizza l-prezzijiet u l-kundizzjonijiet, il-Kunsill għażel li għandu jmur għal-kera tal-magna Sharp.

## 7.0 Tender - Bankini fi Triq id-Duluri

7.1 Is-Sindku rrefera għall-Memo 15/2010 fejn fiha tlabna sabiex nibdlu l-bankini ta' Triq id-Duluri in konessjoni ma tisbiħ fil-lokal relatat ma attivita nazzjonali bħalma fil-każ tagħna hija l-Festa tat-Tadam. Din it-talba tagħna ġiet milqugħa u ser ninghataw €6000 (parti mill-ispiża) biex inwettqu l-kostruzzjoni mill-ġdid ta' bankini bil-kundizzjoni li dawn jitlestew sa nofs Lulju 2010. Għalhekk sar qbil li għandha tinħareġ offerta għall-pubbliku b'urgenza biex ix-xogħol ikun jista jitlesta fiż-żmien stipulat.

## 8.0 Proġetti ta' l-Unjoni Ewropea

8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa fl-uffiċju tal-Kunsill għaddejja ħidma kbira fuq mili ta' applikazzjonijiet biex napplikaw għall-proġetti biex inkomplu nakkwistaw fondi mill-UE. Bħala Kunsill qed napplikaw taħt żewġ proġett mill-

fond Italia-Malta li jikkonsistu fi proġetti li jippromovu l-lokal u l-prodotti lokali u ieħor biex ningħataw fondi biex inwaqqfu Information Centre fil-lokalita' marbut mal-*marine protected area*.

8.2 Applikazzjoni oħra ta'proġett ieħor kapitali li qed naħdmu fuqu huwa dak li jista' jiġi ffinanzjat taħt l-ERDF Axis 2 dak ta' l-*upgrading* tal-pjazza. Huwa semma li din l-applikazzjoni trid tigi sottomessa sas-19t'April 2010.

8.3 Il-Kunsill qabel unanimament mas-sottomissjonijiet ta' dawn l-applikazzjoniet għall dawn il-proġetti.

**9.0 Update dwar il-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja**

9.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-proċess tal-aġġudikar ta' l-offerti għar-restawr tal-knisja li huwa ffinanzjat 85% mill-Unjoni Ewropeja, issa għaddej ġmielu.

9.2 Is-Sindku semma illi l-proċess huwa wieħed twil peress li jinħtieġ li jiġi evalwat bir-reqqa biex inkunu żguri li d-dokumentazzjoni mitfugħha hija konformi mal-rekwiżiti li titlob l-Unjoni Ewropea u wkoll sabiex ix-xogħol isir kif nixtieqQu. Is-Sindku semma li issa l-Bord wasal għal konkluzzjonijiet u wara li jagħmel ir-rakkomandazzjoni tal-għażla tiegħu lil *Project Leader* li huwa l-kapillan, dan minn naħħa tiegħu jrid japprovahom. Dawk li ser jirbħu l-offerti jridu jimxu bir-reqqa ma dak li ser ikun implikati fihom. Is-Sindku semma wkoll li issa ħarġet l-aħħar offerta, dik tar-restawr tal-orgni u tal-pittura u meta jgħaqlu jrid ssir l-evalwazzjoni taghha.

<u>**10.0 Materji oħra**</u>

10.1 Il-Kunsill irrefera għall-izviluppi li seħħew wara li s-Sindku ġie mitlub jidher quddiem bord sabiex iwieġeb għall-allegazzjoniet imressqa minn kuntratturi oħra quddiem l-MRA. Is-Sindku ta spejgazzjoni ta' l-allegazzjonijiet imressqa kontrina huwa qal kemm wara l-laqgħa kif ukoll wara pariri legali li ttieħdu rriżulta li bħala Kunsill ma għamilna xejn illegali. Li għamel il-Kunsill huwa li kompla jħajjar ir-residenti jinvestu fi proġetti ambjentali u għinhom biex iġibu l-aħjar prodotti bl-aħjar prezz. Hija biss responsabilita' tal-kuntrattur li joqgħod attent li jimxi mal-liġi, u l-Kunsill jesiġi li jiġri dan. Il-Kuntrattur issa għandu jiltaqa personalment max-xerrejja.

10.2 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku . Huwa semma li ltqajna mal-Perita u fissirnielha l-ħtieġa tas-servizzi li ser jiġu offruti minn dan iċ-Ċentru kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti. F'dan ir-rigward is-Sindku rrefera wkoll għas-sitwazzjoni preżenti ta' l-għassa eżistenti tal-pulizija (tal-pjazza) u kif l-inkwilin irid iwaqqaf il-kera mmedjatement u hemm problema fejn ser titpoġġa sakemm jitlesta l-proġett propost. Is-Sinkdu informa li huwa kellu laqgħa ma' l-assitent kummissarju fejn saħaq li bħala Kunsill lesti li noffru alternattivi. Huwa qall li sahaq ma l-AC li dan il-proċess irid ikun wieħed ta' spostament u mhux

waqfien. Huwa fisser din il-laqgħa bħala pożittiva ħafna u qal li jidher li l-Puluzija jridu jikkoperaw. Is-Sindku propona li sadanittant nistghu noffru alternattiva li tiġi użata ir-Reference Room tal-Librerija bħala għassa tal-Pulizija. Is-Sindku qara l-ittra li prepara għall-Assistant Kummissarju u l-Kunsill qabel li għandha tintbgħhat.

Meta tkompla jiġi diskuss ċ-ċentru ċiviku l-kunsilliera John Mercieca u Joe Sultana ma qablux li l-għassa u l-latrina jiġu mal-kumplament tal-proġett iżda jkunu fl-entratura tal-iskola. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta għax l-iskop huwa li tinħoloq *open space* qabel iċ-Ċentru tal-Kommunita' u li l-gate ta' l-iskola tiġi rtirata l-ġewwa biex b'hekk iċ-ċentru jkollu aċċess dirett mit-triq, mhux qisek dieħel fi sqaq. Huwa tajjeb li ċ-Ċentru Ċiviku jkun jinkorpora fih is-servizzi kollha kif ukoll serviżż oħra li nistgħu nagħtu lill-għaqdiet. Ġie deċiż li malli jitlestew il-pjanti tal-proġett jiġu diskussi fil-Kunsill u jittieħed vot fuqhom.

10.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal Probation Officer Chantal Avellino rigward il-persuna li ser tagħmel xogħol fil-komunita' biex tiskatta piena kif maqtugħa mill-Qorti. Is-Sindku qall li jħares lejn il-laqgħa bħala waħda sodisfaċenti u li din id-deċizzjoni tista tħalli ħafna frott fil-persuna kkonċernta. Huwa semma li dan irid jaħdem 48 sigħa mifruxa fuq darba fil-ġimgħa għal tnax-il ġimgħa . Sar qbil li bħala xogħol ikompli jiżbogħ il-*fence* tal-grawnd tal-iskola u xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

10.4 Il-kunsillier John Mercieca staqsa dwar fejn wasal il-proġett taż-żebgħa tad-*double yellow lines* fil-lokal. Is-Sindku semma li għadu qed jistenna verifika eżatt tad-dimensjonijiet li jinħtieg ikun hemm mal-kantunieri u wkoll kif ser jigu applikati qabel ma jiġi mwettaq il-proġett. Is-Sindku qal li diġa qed isiru xi xogħoljiet relatati ma dan il-proġett bħal ma huma stop u slow signs.

10.5 Is-Sindku talab sabiex jgħaddi vot ta' ringrazzjament lill-haddiem tal-ex Water Service Corporation u dawk tal-ETC li fil-preżent huma mpjegati mal-Kunsill għax-xogħol siewi li qed iwettqu. Huwa talab sabiex magħhom iżid dawk tac-Childcare Centre. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghandna naraw x'attendenza qed ikun hemm fic-Childcare centre biex jekk hemm bżonn inżidu l-ġranet ta' ftuħ spejċalment fis-sajf.

**11.0 Approvazzjoni tal-pagamenti.**

11.1 Is-Segretarja ressqet l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni u ġiet approvata unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 ta' filgħaxija.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekutti***